



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 76/23

Il-Lussemburgu, 11 ta' Mejju 2023

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-Kawża C-817/21 | Inspekția Judiciară

Stat tad-dritt: il-korp inkarigat mill-proċeduri dixxiplinari kontra l-imħallfin għandu jkun indipendenti u imparzjali

Ir-regoli li jirregolaw il-kontroll tal-azzjoni tad-direttur tiegħu għandhom ikunu maħsuba b'mod li jiġi evitat kwalunkwe dubju leġittimu f'dan ir-rigward

Fir-Rumanija, parti f'diversi proċeduri kriminali ressqet ilmenti dixxiplinari quddiem l-Ispettorat Ġudizzjarju kompetenti kontra ċerti mħallfin u prosekuturi implikati. Peress li ma ttieġdet ebda azzjoni ulterjuri fir-rigward tal-ilmenti kollha tagħha, hija ressqet ilment kontra l-Ispettur Kap, li dwaru wkoll ma ttieġdet ebda azzjoni ulterjuri. Għaldaqstant hija adixxiet lill-Qorti tal-Appell ta' Bukarest sabiex tikkontesta dan it-twaqqif tal-każijiet, filwaqt li sostniet b'mod partikolari li huwa impossibbli li wieħed jeżerċita azzjonijiet dixxiplinari minħabba li l-konċentrazzjoni tas-setgħat tinsab f'idejn l-Ispettur Kap. Tali konċentrazzjoni tas-setgħat tmur, skont din il-parti, kontra d-dritt tal-Unjoni.

Il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest għamlet domanda lill-Qorti tal-Ġustizzja f'dan ir-rigward.

Permezz tas-sentenza tagħha tal-lum, il-Qorti tal-Ġustizzja tikkonferma l-ġurisprudenza ¹ tagħha li tipprovdi li, għalkemm l-organizzazzjoni tal-ġustizzja taqa' taħt il-kompetenza tal-Istati Membri, l-eżerċizzju ta' din is-setgħa għandu josserva d-dritt tal-Unjoni. Għaldaqstant, **is-sistema dixxiplinari applikabbli għall-imħallfin** li jistgħu jintalbu japplikaw id-dritt tal-Unjoni **għandu jkollha l-garanziji neċessarji sabiex jiġi evitat kwalunkwe riskju li din tintuża bħala strument ta' kontroll politiku tal-attivitajiet tagħhom**.

Ir-regoli li jirregolaw l-organizzazzjoni u l-funzjonament ta' organu kompetenti sabiex imexxi investigazzjonijiet dixxiplinari u sabiex jeżerċita azzjoni dixxiplinari kontra mħallfin u prosekuturi għandhom, konsegwentement, josservaw ir-rekwiżiti li jirriżultaw mid-dritt tal-Unjoni u b'mod partikolari, mill-**Istat tad-dritt**.

Sabiex jiġi vverifikat jekk dan huwiex fil-fatt il-każ, il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża li huwa l-kompitu tal-qorti tar-rinviju li tevalwa l-leġiżlazzjoni Rumena fiha nnifisha u fil-kuntest ġuridiku u fattwali nazzjonali tagħha.

Fir-rigward ta' punti rilevanti għal tali eżami, il-Qorti tal-Ġustizzja tosserva li, fid-dritt Rumani, azzjoni dixxiplinari intiża li trażżan abbużi mwettqa mill-Ispettur Kap tista' tinbeda biss minn membru tal-persunal li l-karriera tiegħu tiddependi, fil-parti l-kbira, mid-deċiżjonijiet tal-Ispettur Kap. Barra minn hekk, id-deċiżjonijiet dwar l-Ispettur Kap jistgħu jiġu rriweduti mid-Deputat Spettur Kap, li jiġi nnominat mill-Kap Spettur u li l-mandat tiegħu jkun ser jintemm fl-istess ħin bħal dak tal-Ispettur Kap. **Tali sistema dixxiplinari tidher**, bla ħsara għal verifiki li għandhom isiru mill-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, **ta' natura li, fil-prattika, tostakola l-eżerċizzju effettiv ta' azzjoni dixxiplinari kontra l-Ispettur Kap**, anki jekk dan tal-aħħar ikollu jkun is-suġġett ta' lmenti serjament issostanzjati

¹ Sentenza tat-18 ta' Mejju 2021, Asociația "Forumul Judecătorilor din România" et, [C-83/19, C-127/19, C-195/19, C-291/19, C-355/19 u C-397/19](#) (ara wkoll l-Istqarrija għall-Istampa [Nru 82/21](#)).

Ċertament, in-nuqqas ta' teħid ta' azzjoni ulterjuri fir-rigward ta' lment kontra l-Ispettur Kap jista' jkun is-suġġett ta' rikors li jista' jwassal, jekk ikun il-każ, għall-annullament tad-deċiżjoni li l-każ jitwaqqaf. Huwa, madankollu, l-obbligu tal-Qorti tal-Appell ta' Bukarest li tevalwa sa liema punt is-setgħat li għandhom f'dan ir-rigward il-qradi Rumeni jistgħu jippermettu l-eżerċizzju effettiv ta' azzjonijiet dixxiplinari kontra l-Ispettur Kap kif ukoll ipproċessar effikaċi u imparzjali tal-ilmenti mressqa kontra dan tal-aħħar.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tippreċiża, f'dan ir-rigward, li fil-każ li din il-qorti jkollha tikkonkludi li l-azzjoni tal-Ispettur Kap ma tistax tkun is-suġġett, fil-kuntest tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali, ta' stħarriġ reali u effettiv, ikun hemm lok li jitqies li din il-leġiżlazzjoni ma hijiex maħsuba b'mod li ma tista' tqajjem ebda dubju leġittimu, fil-ħsibijiet tal-partijiet fil-kawża, dwar l-użu tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet tal-Ispettorat Ġudizzjarju bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew strument ta' kontroll politiku ta' din l-attività.

Għal dak li jikkonċerna l-kuntest ġuridiku u fattwali nazzjonali, **jidher li s-setgħat tal-Ispettur Kap issaħħu fil-kuntest iktar globali ta' riformi tal-organizzazzjoni tal-ġudikatura Rumena li għandhom l-għan jew l-effett li jnaqqsu l-garanziji ta' indipendenza u ta' imparzjalità tal-imħallfin Rumeni.** Barra minn hekk, **jidher li l-Ispettur Kap għandu konnessjoni mill-qrib mas-setgħa eżekuttiva jew leġiżlattiva.** Fl-aħħar nett, għandha wkoll tittieħed inkunsiderazzjoni l-**prassi konkreta** segwita mill-Ispettur Kap fl-eżerċizzju tal-prerogattivi tiegħu li jistgħu jintużaw għal finijiet ta' kontroll politiku tal-attività ġudizzjarja.

Bla ħsara għall-verifiki li għandha tagħmel il-Qorti tal-Appell ta' Bukarest, jidher għalhekk li l-punti tal-kuntest ġuridiku u fattwali nazzjonali li tressqu għall-konjizzjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja huma intiżi li jikkorroboraw, pjuttost milli jinvalidaw, konstatazzjoni possibbli li **l-leġiżlazzjoni inkwistjoni fil-kawża prinċipali ma hijiex maħsuba b'mod li ma tista' tqajjem ebda dubju leġittimu, fil-ħsibijiet tal-partijiet fil-kawża, dwar l-użu tal-prerogattivi u tal-funzjonijiet tal-Ispettorat Ġudizzjarju bħala strument ta' pressjoni fuq l-attività ġudizzjarja jew strument ta' kontroll politiku ta' din l-attività.**

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qradi tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qradi nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tas-sentenza jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih tingħata s-sentenza.

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-għoti tas-sentenza huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

